**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti Struttorja**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**
**vs**
**Omissis**

**Illum 4 ta' Ottubru, 2021**

Il-Qorti

Rat il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) mahrug fis-7 ta' Gunju 2019 mill-*Giudice per le Indagine Preliminari* (GIP) kontra Omissis[1],[2].

Rat l-allert mahrug skont is-Schengen Information System – SISII[3] u l-Form A "Supplementary Information relating to an extradition"[4].

Rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali[5] fil-5 ta' Settembru 2021 skont ir-regolamenti 6A u 7 tal-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni[6] permezz ta' liema l-Avukat Generali ccertifika li l-*Giudice per le Indagini Preliminari* fi hdan it-*Tribunale di Catania*, l-awtorita li fuq talba taghha nhareg l-allert ghall-Estrandant, ghandha l-funzjoni li titlob il-hrug ta'l-allerti fir-Repubblika Taljana.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Settembru 2021[7], l-*initial hearing*, mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta.

[1] Aktar 'l isfel imsejjah "l-Estradant".
[2] Dok MG 4 a fol 6 bil-lingwa Taljana u Dok MG5 a fo1 12 bil-lingwa Ingliza.
[3] Dok MG3 a fol 5.
[4] Dok MG12 a fol 147.
[5] Dok MG1 a fol 3 bil-lingwa Maltija u Dok MG2 a fol 4 bil-Lingwa Ingliza.
[6] L-avviz Legali 320 tas-sena 2004 (Ligi Sussidjarja 276.05) aktar l-Isfel imsejjah "l-Ordni".
[7] A fol 75.

Rat in-nota ta'l-Estradant prezentata fis-7 ta' Settembru 2021[8] peremzz ta' liema iddikjara li huwa

1. qed jikkontesta l-estradibilita tar-reat indikat fil-MAE.
2. qed jirrizerva li jressaq prova u jaghmel sottomissjonijiet:
   - dwar il-validita tal-MAE u dan minhabba li:
     - l-Imhallef li kienet harget il-mandat m'ghadx ghandha l-kompetenza;
     - l-*Ordinanza* li a bazi taghha huwa imsejjes il-MAE m'ghadhiex in vigore stante li nhareg ir-*rinvio a giudizio;*
     - fuq talba tal-*Procuratore della Republica* l-istadju ta' *indagine preliminare* inghalaq; u minhabba li
     - inqabzu diversi termini tassattivi li jinvalidaw ordni ta' arrest.
   - dwar il-ksur tal-principju li l-MAE ghandu jigi trattat u ezegwiet b'urgenza.
3. Irrizerva li jikkontesta:
   - ir-rekwiziet li ghandu jkun jinsab f'kull MAE a tenur ta'l-artikolu 8 tad-Decizjoni Kwadru
   - il-forma tal-mandat u nuqqasijiet ohra procedurali.

Rat id-degriet tad-9 ta' Settembru 2021[9] mghoti mill-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Mark Chetcuti permezz ta' liema l-proceduri odjerni gew assenjati lill-din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mimuma fit-13 ta' Settembru 2021[10], *l-extradition hearing*, fil-kors ta' liema giet prezentata informazzjoni supplementari[11] u nstemghu il-provi tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet[12].

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

## Il-Fatti Fil-Qosor

Illi mill-atti processwali jirrizulta li f'Gunju 2018, u wara investigazzjoni minnha kondotta, il-Guardia di Finanza ta' Palermo waqqfet dghajsa, li kellha bandiera Olandiza, f'ibhra internazzjonali; fuq din id-daghjsa instabu circa ghaxar

[8] A fol 109.
[9] A fol 107.
[10] A fol 121.
[11] Dok MG10 a fol 141  u Dok MG11 a fol 145.
[12] Waqt l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Settembru 2021, verbal a fol 191.

tunellati ta' sustanza suspettata droga. In-nies li kien hemm fuq id-dghajsa gew arrestati u d-dghajsa sekwestrata; kemm id-dghajsa kif ukoll il-persuni arrestati ittiehdu Catania. Dan l-awtoritajiet Taljani ghamluh wara li, fit-termini tal-Konvenzjoni ta' Vienna tas-sena 1988[13], ottjenew l-approvazzjoni ta' l-Istat Olandiz.

Illi jidher li fil-kors ta' l-investigazzjoni kondotta mill-awtoritajiet Taljani, u permezz ta' European Investigation Order, fil-5 ta' Marzu 2019 sar l-interrogatorju ta'l-Estradant waqt li huwa kien qieghed Malta.

Illi fid-29 ta' April 2019 it-*Tribunale di Catania, Sezione del Giudice per le Indagine Preliminari* (GIP) hareg *Ordinanza di Applicazione di Misura Cautelare*[14] fil-konfront ta' l-Estradant. A bazi ta' din l-*Ordinanza* l-istess awtorita giudizzjarja harget MAE fil-konfront ta'l-Estradant u inhareg is-SISII Alert; il-mandant giet ezegwiet f'Malta pero din il-Qorti ordnat ir-rilaxx ta'l-Estradant,

Illi fis-7 ta' Gunju 2019 l-istess GIP hareg MAE iehor fil-konfront ta'l-Estradant u dan il-MAE il-gdid gie anness mas-SISII Alert minflok il-mandat ta' qabel.

Illi fil-5 ta' Settembru 2021 l-Avukat Generali ccertifika li l-*Giudice per le Indagini Preliminari* fi hdan it-*TribunalE di Catania*, l-awtorita li fuq talba taghha nhareg l-allert ghall-Estrandant ghandha l-funzjoni li titlob il-hrug ta'l-allerti fir-Repubblika Taljana. L-ghada nhar is-6 ta' Settembru 2021 l-Estradant rega' gie arrestat f'Malta u tressaq quddiem din il-Qorti u nbdew il-proceduri odjeni.

Illi jidher li, tul dan iz-zmien, il-proceduri penali fil-konfront ta'l-Estradant komplew tant li l-istadju ta' *indagine preliminare* gie konkluz u sahansitra inhareg ir-*Rinvio a Gudizio* u l-proceduri issa qeghdin pendenti quddiem it-*Tribunale Di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale*.

Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijet Legali Generali

Illi kif definit fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 (2002/584/JHA)[15] il-MAE hi decizjoni gudizzjarja mahrug minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u c-cediment minn Stat Membru iehor ta' persuna rikjesta, ghall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-ezekuzzjoni ta'

[13] United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances
[14] Il-mandat t'arrest domestiku; ref Dok MG7 a fol 47 bil-lingwa Taljana u Dok MG6 a fol 21 bil-lingwa Ingliza
[15] Aktar 'lisfel imsejha "id-Decizjoni Kwadru".

sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. Skond l-istess Decizjoni Kwadru l-Istati Membri ghandhom jesegwixxu kwalunkwe MAE fuq il-bazi tal-pricipju ta' rikonoxximent reciproku u skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.[16]

Illi Qrati taghna pronunzjaw ruhhom diversi drabi dwar dan l-istitut emergenti mid-Decizjoni Kwadru fuq imsemmija. Fis-sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza Il-Pulizija vs Philip Mifsud[17] intqal li

> *.... dawn huma proceduri partikolari hafna, sa certu punt sui generis, bazati fuq id-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul f'Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002, .... ... intizi sabiex jithaffef il-procediment ta' treggiegh ta' persuni li jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f'xi pajjiz rikjedent. Dawn il-proceduri huma soggetti ghall-principju baziku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Decizjoni Kwadru li jippreskrivi l-principju ta' rikonoxximent reciproku t'atti gudizzjarji u l-fiducja reciproka li Awtoritajiet Gudizzjarji ghandhom ikollhom fi hdan din l-Unjoni. Wiehed jifhem li dawn huma principji relattivament ricenti li ddahlu fl-ordinament guridiku Malti u Ewropew u ma kienux minghajr skossi u polemiki. Il-fatt hu li llum, l-Istat Malti ghazel li jkun parti minn din l-Unjoni u konsegwentement, ghazel, jew kellu jaghzel li jintroduci dan il-qafas regolatorju bhala parti mill-pakkett shih li din l-Unjoni timplika.*
>
> *Naturalment dan ghandu l-konsegwenzi tieghu. Fosthom li r-regoli imsemmija fl-Ordni li huma bbazatati fuq l-Arrangament, jiddipartixxi wkoll minn certi principji ohra li kienu jezistu qabel fil-Kap 276 jew ahjar jigu introdotti certi proceduri sabiex il-konsenja ta' persuna minn Stat tal-Unjoni ghal iehor isir b'mod aktar celeri, anqas burokratiku u aktar spedit. Fi ftit kliem, fi hdan l-Unjoni Ewropeja, il-livell ta' zvilupp komuni fil-kamp tal-harsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-izvilupp fil-ligi penali kemm sostantiva kif ukoll procedurali waslu sabiex l-istati membri ta' din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lill-Awtoritajiet Gudizzjarji fi hdanhom.*

[16] Ref l-artikoli 1 tad-Decizjoni Kwadru.
[17] Fit-18 ta' Ottubru 2013; ref ukoll Il-Pulizija vs Michael Spiteri u Il-Pulizija vs Francis Xavier Galea mghotija mill-istess Qorti f'l-istess gurnata.

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Donatella Concas[18] gie riaffermat li din il-procedura *mhix bħal proċeduri penali oħra*. Il-Qorti fil-fatt rribadiet li

> *.... ikun żbaljat li jiġu adottati il-kriterji t' applikazzjoni u interpretazzjoni stretta li jikkaratterizzaw il-proċedura penali f'dan il-kamp bl-istess mod bħal ma jsir fi proċeduri penali fejn Qorti tkun trid tiddetermina r-responsabbilta' penali o meno ta' persuna imputata. Dan japplika wkoll għall-xi provi jridu jitresqu f'dawn il-proċeduri kif ukoll illivell ta' suffiċjenza probatorja.*
>
> *L-anqas ma huma applikabbli bl-istess mod ir-regoli tradizzjonali ta'l-estradizzjoni. Anzi din il-proċedura ġiet maqbula bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja speċifikament sabiex ma jkunx hemm l-istess kriterja applikabbli f'każijiet t'estradizzjoni bejniethom.*

Illi l-House of Lords ukoll kellha opportunita tikkummenta fuq id-Decizjoni Kwadru[19] u s-sinifikat taghha fil-kaz Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) vs Armas[20]. Wara li saret referenza ghall-fatt li bid-Decizjoni Kwadru kien qed jigi abolit l-istitut ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri u minflok kienet qed tigi addottata sistema ta' cediment bejn awtoritajiet gudizzjarji[21], intqal li:

> *The principle underlying these changes is that each Member State is expected to accord due respect and recognition to the judicial decisions of other Member States. Any enquiry by a Member State into the merits of a proposed prosecution in another Member State or into the soundness of a conviction in another Member State becomes, therefore, inappropriate and unwarranted. It would be inconsistent with the principle of mutual respect for and recognition of the judicial decisions in that Member State.*
>
> *Accordingly, the grounds on which a Member State can decline to execute a European arrest warrant issued by another Member State are very limited. Article 3 sets out grounds on which execution must be refused. Article 4 sets out grounds on which execution may be refused.*
>
> *None of these grounds enable the merits of the proposed prosecution or the soundness of the conviction or the effect of the sentence to be*

[18] Sentenza mghotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'l-14 ta' Novembru 2016.
[19] B'mod partikolari l-ewwel artikolu li saret referenza ghalih aktar 'l fuq.
[20] 17 November 2005; Sesssion 2005–06; [2005] UKHL 67; Hearing Date 12 October 2005.
[21] Ref Recital 5 tad-Decizjoni Kwadru.

> *challenged. There is one qualification that should, perhaps, be mentioned. The execution of an arrest warrant can be refused if, broadly speaking, there is reason to believe that its execution could lead to breaches of the human rights of the person whose extradition is sought (see recitals (12) and (13)).*

Illi fil-fatt hija l-istess Decizjoni Kwadru, inkorporata fil-Ligi domestika permezz ta' l-Ordni (l-Avviz Legali 320 tas-sena 2004), li tiddetta kif ghandu jigi esegwiet MAE u x'funzjoni ghandha l-awtorita gudizjarja ezekutanti. Dan pero *ma jfissirx li l-Qrati Maltin ghandhom jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Ewropej. Wara kollox ghalhekk hemm l-Ordni. Biss bla dubju, dan l-istess Ordni jiffacilita bil-kbir l-iter ghalbiex persuna f'Malta tkun tista tigi mibghuta f'pajjiz iehor tal-Unjoni, inter alia biex issegwi proceduri penali f'dak il-pajjiz*[22].

## Punti Prliminari

Ikkunsidrat

Illi l-Estradand qed jikkontestat l-validita tal-MAE u dan ghal diversi ragunijiet. Jghid li l-Imhallef li kienet harget il-mandat m'ghadx ghandha kompetenza fuq il-kaz; li l-*Ordinanza Cautelare* li a bazi taghha huwa imsejjes il-MAE m'ghadhiex in vigore stante li nhareg ir-*rinvio a giudizio*; li fuq talba tal-*Procuratore della Republica* l-istadju ta' *indagine preliminare* inghalaq; u li nqabzu diversi termini tassattivi li jinvalidaw l-ordni ta' arrest.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirreferi ghad-depozizzjoni ta' Dottor Giuseppe Cavallaro[23] prodott bhala xhud mill-Estradant; Dottor Cavallaro qeghed jassisti u jirraprezenta lill-Estradant fil-proceduri penali pendenti f'l-Italja.

Illi d-depozizzjoni ta' dan Dottor Giuseppe Cavallaro, fil-kors ta' liema prezenta atti mehuda mill-process gudizjarju fil-konfront ta'l-imputat quddiem it-*Tribunale di Catania*[24] u spjega f'liema stadju waslu dawk il-proceduri, kienet intiza primarjament biex jaghti opinjonijiet legali, riferibbli ghad-dritt Taljan, dwar id-diversi punti sollevati mill-abbli difensur ta'l-Estradant. B'mod partikolari huwa prova jaghti interpretazzjoni ghall-kliem li bihom kien qed jigi "deskritt" l-Estradant f'dawk il-proceduri[25] u prova jaghti l-opinjoni tieghu

---

[22] Ref Il-Pulizija vs Donatella Concas op cit.
[23] A fol 148.
[24] Wiehed minn dawn id-dokumenti, il-verbal ta' udjenza mizmuma mit-Tribunale di Catania III Sezione Rito Collegiale, (Dok GC1 a fol 165), lanqas huwa prezentat f'l-intier tieghu. Ix-xhud ghazel li jipprezenta biss erba' pagni minn dokument li huwa twil hdax il-faccata.
[25] Cioe il-kliem "*libero non comparso*" jew "*libero assente*".

ghaliex l-*Ordinanza di Applicazione di Misura Cautelare*[26] ghandha titqies bhala invalida. Pero l-funzjoni ta' xhud[27] mhiex li jaghti opinjonijiet imma li jixhed dwar il-fatti kif maghrufa lilu.

Illi wiehed ma jistax jinsa li meta tinhass il-htiega ta' aktar informazzjoni qabel ma tittiehed decizjoni dwar l-esekuzzjoni ta' MAE din l-informazzjoni ghandha tingieb skond kif titlob id-Decizjoni Kwadru permezz tal-procedura ta'l-informazzjoni supplimentari.

Ghalhekk dawk il-partijiet kollha tad-depozizzjoni ta' Dottor Giuseppe Cavallaro li huma opinjonijiet qed jigu skartati bhala inammissibbli.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-punti sollevati mill-Estrdant intalbet informazzjoni supplementari li giet prezentata in atti[28]. Permezz ta' din l-informazzjoni supplementari l-Awtoritajiet Kompetenti Taljani ikkonfermaw li fid-dritt penali Taljan il-fatt li nghalaq l-istadju ta' l-*Indagine Preliminare* u l-proceduri ghaddew ghall-istadju successiv bil-hrug tar-*Rinvio a Gudizio* ma jinvalidax l-*Ordinanza di Misura Cautelare* mahruga fi stadju ta' *Indagine Preliminare*. Aktar minn hekk gie konfermat il ghalkemm awtorita kompetenti (l-imhallef li jkun hareg l-*Ordinanza* jew ohrajn li jkunu qed jippressjedu l-proceduri fi stadji successivi) jista jimmodifica jew adirittura jirrevoka *Ordinanza Cautelare*, l-*Ordinanza* li nharget fil-konfront ta'l-Estradant la giet modifikat u lanqas revokata u ghalhekk ghada in vigore tant li malli l-Estradant jittiehed l-Italja dik l-*Ordinanza* tigi esegwita.

Illi l-informazzjoni supplimentari ikkonfermat ukoll li jezistu termini (li jvarjaw skond f'liema fazi jkunu l-proceduri penali) mad-dekors ta' liema *Ordinanza di Misura Cautelare* ma tibqax fis-sehh pero dawn it-termini jibdew jiddekorru meta tigi esegwita l-*Ordinanza*, cioe meta l-persuna koncerntata tigi arrestata. Fil-kaz in ezami l-Estradant ghadu ma giex arrestat f'l-Italja in ezekuzzjoni tal-*misura cautelare*, ghalhekk fil-konfront tieghu ghadhom ma bdewx jiddekkorru t-termini imsemmija.

Illi fid-dawl tal-principji emergenti mill-gurisprudenza fuq citati u tenut kont tal-qafas legislattiv li fuqu huwa mibni l-istitut tal-MAE, cioe il-fiducja reciproka bejn l-awtoritajiet gudizzjarji ta'l-Istati Membri, la darba a bazi ta'l-informazzjoni supplementari prezentata lil din il-Qorti jirrizulta li l-*Ordinanza*

[26] Il-mandat t'arrest domestiku li a bazi tieghu mbaghad inhareg l-MAE; ref Dok MG7 a fol 47 bil-lingwa Taljana u Dok MG6 a fol 21 bil-lingwa Ingliza
[27] A differenza ta' espert.
[28] Dok MG10 a fol 141 u Dok MG11 a fol 145.

*di Misura Cautelare*, li a bazi tieghu inhareg il-MAE, hija wahda valida u ghadha in vigore, kull sottomissjoni fir-rigward maghmula mill-Estradant qed tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi l-Estradant sahaq hafna fuq il-punt li meta inharget din l-*Ordinanza* l-kaz kien fi stadju ta' investigazzjoni, tant li l-*Ordinanza* inharget mill-GIP; huwa donnu qed jimplika li la darba f'dak l-istadju huwa kien qed ghadu qed jigi investigat u kienet ghada ma bditx il-prosekuzzjoni fil-konfront tieghu ghandu jitqies li hemm difett fil-mandat ghaliex MAE jista' jinhareg ai fini ta' prosekuzzjoni u mhux investigazzjoni.

Illi min-naha l-ohra skond l-Ipsettur Mark Galea l-mandat inhareg "*for purposes of prosecution*"; huwa jasserixxi dan ghaliex fil-mandat, fis-sezzjoni "b", fejn irid jigi indikat jekk il-persuna koncernata hiex rikjesta ai fini ta' prosekuzzjoni jew biex tiskonta sentenza, hemm indikat li d-decizjoni li fuqha qed jigi bazat il-MAE mhiex sentenza ezekuttiva imma *Ordinanza di Applicazione di Misura Cautelare*.

Illi skond il-Handbook on how to Issue and Execute a European Arrest Warrant (2017/C 335/01)[29]

> *An EAW may be issued for the purposes of conducting a criminal prosecution in relation to acts punishable under domestic law by a custodial sentence or a detention order for a maximum period of at least 12 months (Article 2(1) of the Framework Decision on EAW). This refers to the maximum possible punishment for the offence laid down in the national law of the issuing Member State. ……..*
>
> ***'Conducting a criminal prosecution' includes the pre-trial stage of criminal proceedings***[30]*. However, the purpose of the EAW is not to transfer persons merely for questioning them as suspects. For that purpose other measures, such as a European Investigation Order (EIO) could be considered instead.*

Illi huwa propju dan li gara fil-kaz in ezami ghaliex kif diga ntqal fi stadju inizjali ta' l-investigazzjoni l-interrogatorju ta'l-Estradant sar minn hawn Malta in ezekuzzjoni ta' EIO. L-MAE inhareg fi stadju ulterjuri.

[29] Dan huwa document mahrug mill-Kummissjoni Ewropeja u ppublikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropeja, f'Ottubru 2017. Ref apgna 15.
[30] Sottolinear tal-Qorti.

Illi f'cirkostanzi simili, cioe meta MAE jinhareg fi pre-trial stage u jigi esegwiet meta tkun laqet bdiet il-prosekuzzjoni, din il-Qorti kif diversament presjeduta ikkonfermat li dak il-mandat ghandu jitqies bhala mandat mahrug ai fini ta' prosekuzzjoni. Fis-sentenza mghotija fil-kawza The Police vs Loiai Aljelda[31] wara li l-Qorti osservat li *the European Arrest Warrant (EAW) was issued by the District Court of Györ on the 4th December, 2019, based on a National Arrest Warrant no. 29022/484/448/2016 issued on the 18th November, 2019, it is highly evident that following the issuance of the EAW, proceedings in Hungary continued to evolve culminating with the issue of a Bill of Indictment dated the dated the 28th April, 2020, issued by the GyörMoson-Sopron County Prosecutor General's Office*, u wara li kkonstatat li meta gie ezegwiet il-mandat il-kaz kien qieghed pendenti quddiem awtorita gudizjarja ohra: *a trial court, the County Court in city Györ, the Györi Törvényszék*, kompliet biex tasserixxi li *the case has been no longer in investigation phase in Hungary, hence there can be no doubt that the person requested is wanted for purposes of prosecution*.

Illi anke fil-kaz in ezami m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-mandat fil-konfront ta' l-Estradant inhareg ai fini ta' prosekuzzjoni ghalhekk kull sottomissjoni ta'l-Estradant fir-rigward ukoll qed tigi respinta.

**Fil-Mertu**

Ikkunsidrat

Illi f'l-Initial Hearing mizmum nhar s-6 ta' Settembru 2021 din il-Qorti kif diversament presjeduta:

- ikkonfermat li l-persuna li dehret quddiemha, cioe l-Estradant, huwa l-istess persuna fil-konfront ta' minhareg il-MAE;
- ikkonfermat li l-Estradant kien inghata kopja tal-MAE;
- infurmat lill-Estradant dwar il-kontenut tal-MAE;
- tat lill-Estradant informazzjoni dwar il-kunsens.

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dawn il-fatti.

Illi f'dak l-istess smiegh l-Estrdant ma tax il-kunsens tieghu ghall-estradizzjoni u ghalhekk il-Qorti procediet bis-smiegh dwar l-estradizzjoni.

Ikkunsidrat

[31] Deciza fit-3 ta' Gunju 2020.

Illi ai termini ta'l-artikolu 12 ta'l-Ordni:

> *(1) Meta persuna li dwarha jkun inħareġ mandat bħalma hemm imsemmi fl-artikolu 5(2) tinġieb quddiem il-qorti għas-smigħ dwar l-estradizzjoni, għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet li gejjin.*
> *(2) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni.*
> *(3) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad il-kwistjoni fis-subartikolu (2), il-qorti għandha tordna l-ħelsien ta' dik il-persuna.*
> *(4) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tilqa' dik il-kwistjoni, hija għandha tmexxi taħt l-artikolu 13.*

Illi ghalhekk il-Qorti issa trid tghaddi biex tiddeciedi jekk ir-reat imsemmi fil-mandat hux reat ta' estradizzjoni, fatt kontestat mill-Estradant. Min-naha l-ohra l-Avukat Generali jikkontendi li r-reat huwa wiehed ta' estradizzjoni ai termini ta'l-artikoli 59(4) u 59(4A) ta'l-Ordni[32].

Illi l-artikoli msemmija jipprovdu hekk:

> *(4) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:*
> *(a) l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat;*
> *(b) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi);*
> *(c) f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar.*
>
> *(4A) L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni lejn pajjiż skedat jekk jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:*
> *(a) l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat u ebda parti minnha ma tiġri f'Malta;*
> *(b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew piena akbar jekk ir-reat ikun ġara f'Malta;*
> *(c) l-imġieba tkun hekk punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat (tkun kif tkun deskritta f'dik il-liġi).*

[32] Ref verbal ta'l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Settembru 2021 a fol 191.

Illi huwa ben stabbilit li l-kriterji elenkati fis-subartikoli (2) sa (5) ta'l-artikolu 59 mhumiex alternattivi imma kumulattivi ghalhekk biex jista' jinghad li reat huwa wiehed ta' estradizzjoni iridu jigi sodisfatti l-kriterji kollha ta' almenu wiehed mis-subartikoli imsemmija.

Illi skond is-sezzjoni "e" tal-MAE ir-reat li dwaru huwa imfittiex l-Estradant huwa dekritt bhala "*detenzione e trasporto di sostanza stupefacente aggravato a) dal concorso di oltre tre persone, b) dall'ingente quantita di stupefacente, u c) dal contributo di un gruppo criminale organizzato transnazionale*."

Illi fid-deskrizzjoni tac-cirkostanzi tar-reat u l-involviment ta'l-estradant (sezzjoni "e" tal-mandat) hemm indikat hekk:

> *Le indagini svolte…. Hanno permesso di identificare e apprendere in navigazione melle acque internazionali, un natente, battente bandiera olandese partito da Malta con n. 9 persone di equipaggio, che trasportava un carico di 10 tonellate di stupefacienti del tipo hashish. Con le aggravanti di a) aver commesso il fatto in piu di tre persone, b) dall'ingente quantita di sostanza stupefacente, u c) dal contributo aalla commissione del delitto da parte di un gruppo criminale organizzato impegnato in attivita criminali commessi in diversi Stati tra cui Malta, Algeria, ed Egitto. Omissis Omissis e risultato essere l'organizzatore del viaggio e del delitto.*

Illi mbaghad l-mandat jirreferi ghas-segwenti dispozizzjonijiet bhala dawk li fihom huwa predispost r-reat b'l-aggravji imsemmija:
- *l-artikoli 61bis, 81 u 110 tal-Codice Penale; u*
- *l-artikoli73 u 80 comma 2 tal-DPR 09/10/1990 no 309*[33]

Illi fis-sezzjoni "c" tal-MAE hemm indikat li r-reat imsemmi jikkomporta piena massima ta' tnax il-sena prigunerija.

Ikkunsidrat

Illi fid-deskrizzjoni tac-cirkostanzi tar-reat hemm specifikat li d-dghajsa li fuqha inqabdet id-droga telqghet minn Malta fuq vjagg allegatament organizzat mill-Estradant, ghalhekk il-kondotta giet kommessa f'diversi Stati inkluz Malta.

---

[33] Decreto del Presidente della Repubblica 9 Ottobre 1990, n. 309 *(Gazzetta Ufficiale 31 Ottobre 1990, n. 255 - S.O. n. 67)*

Illi biex ikun applikabbli s-subartikolu (4A) ta'l-artikolu 59 ebda parti mill-imgieba m'ghandha tkun sehhet f' Malta. Ghalhekk dan is-subartikolu zgur ma jistax ikun applikabbli.

Ikkunsidrat

Illi biex ikun applikabbli is-subartikolu (4) iridu jigu sodisfatti is-segwenti kriterji:
(a) l-imġieba tiġri barra mill-pajjiż skedat, cioe barra mill-Italja;
(b) l-imġieba tkun punibbli taħt il-liġi tal-pajjiż skedat, L-Italja, bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar (tiġi kif tiġi deskritta f'dik il-liġi);
(c) f'ċirkostanzi li jikkorrispondu, l-imġieba ekwivalenti kienet tikkostitwixxi reat extra-territorjali taħt il-liġi ta' Malta punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni għal żmien tnax-il xahar jew b'piena akbar.

Illi mid-deskrizzjoni tar-reat huwa car li l-imgieba ma sehhitx f'Italja, dan mhux biss ghaliex il-pajjizi imsemmija fis-sezzjoni (e) tal-MAE ma jinkludux l-Italia. Fil-fatt minn qari ta'l-*Ordinanza Cautelare* jista' jigi konfermat li l-fatti li taw lok ghal din l-investigazzjoni ma sehhewx f'l-Italja u dan ghalkemm tissemma Catania. Fil-verita Catania tissemma in kwantu d-dghajsa sekwestrata, meta kienet f'ibhra internazzjonali. ittiehed mill-ufficjali tal-*Guardia di Finanza* fil-port ta' Catania. Aktar minn hekk m'hemm l-ebda indikazzjoni li d-droga kienet intiza biex tigi spaccata f'l-Italja. Ghalhekk l-ewwel kriterju, li jirrikjedi li l-imgieba tkun grat barra l-pajjiz skedat, huwa sodisfatt.

Illi t-tieni kriterju jirrikjedi li l-imgieba tikkomporta reat f'l-Italja punibbli b' piena ta' almenu tnax il-xahar prigunerija. Kif intqal fis-sezzjoni (c) tal-MAE hemm indikat li r-reat jikkomporta piena ta' tnax il-sena prigunerija li ghalhekk jissodisfa it-tieni kriterju.

Illi t-tielet kriterju jirrikjedi li f'sitwazzjoni analoga (cirkostanzi korrispondenti) l-imġieba ekwivalenti tikkostitwixxi reat extra territorjali taht il-Ligi ta' Malta.

Illi biex ikun jista' jinghad li avverat ruha sitwazzjoni analoga ikun irid jirrizulta li persuna Taljana, waqt li qeghda l-Italja, provdiet daghjsa u nkarigat l-ekwipagg ghaliha; u fuq direzzjoni ta' dik il-persuna Taljana d-dghajsa tittiehed f'ibhra internazzjonali fejn tghabbiet id-droga. L-ebda parti mill-imgieba m'ghandha tkun sehhet f'Malta.

Illi mbaghad b0iex jigi sodisfatt it-tielet kriterju din l-imgieba trid tikostitwixxi reat taht il-Ligi Maltija.

Illi ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ikun hemm reat prosegwibbli f'Malta, ghalkemm mhux kommess minn cittadin Malti, jekk persuna tassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra (f'Malta jew) barra minn Malta sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina **f'Malta**[34] kontra d-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza, jew li tippromovi, tikkostitwixxi, torganizza jew tiffinhbanzja dik l-assoċjazzjoni li dejjem trid tkun intiza biex tbiegh jew titraffika medicina f'Malta[35].

Illi fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-droga intercettata fuq id-daghjsa kienet ser tigi spaccata f'l-Italja tant li l-Italja m'hiex elenkata bhala wiehed mil-pajjizi fejn sehhew l-atti inkriminanati, ghalhekk fil-kaz ipotetiku tac-cirkostanzi korrispondenti ghandu jitqies li d-droga ma kenitx ser tigi spaccata Malta. Konsegwentment u tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 l-imgieba ma kenitx tikostitwixxi reat extra territorjali f'Malta. Dan ifisser li t-tielet kriterju imsemmi fis-subartikolu (4) ta'l-artikolu 59 ma giex sodisfatt.

Illi in vista ta' dan ir-reat ma jistax jitqies bhala wiehed ta' estradizzjoni[36].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li r-reat imsemmi fil-MAE mhux wiehed ta' estradizzjoni u ai termini ta'l-artikolu 12(3) ta'l-Ordni tordna il-helsien ta'l-Estradant Omissis Omissis.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[34] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[35] Ref is-subartikolu (1)(f).
[36] Ghal ai fni ta' kompletezza jigi rilevat li la darba l-imgieba ma sehhitx f'l-Italja l-applikabilita tat-tieni u tat-tielet subartikoli ta;l-artikoilu 59 hija eskluza; u la darba parti mill-imgieba sehhet f'Malta l-applikabbilita tal-hames subartikolu ta'l-istess artikolu 59 ukoll hija eskluza.